**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SBATAX**

**13 ta' SETTEMBRU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**17.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

17.1.1 Fir-rigward ta' punt 16.4.7 il-membru Annetto Bugeja qal li l-benefatturi li taw l-art biex ġiet imkabbra l-kappella ta' Bubaqra, kienu Carmelo Schembri li twieled fl-1921 u miet fl-1992 u Antonia Schembri li twieldet fl-1921 u mietet fl-1994.

17.1.2 Fir-rigward tal-laqgħa li kellhom il-membri Joe Caruana u Annetto Bugeja mal-Perit Bezzina, fir-rigward tal-manutenzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra, kien hemm qbil li l-Perit Bezzina jitkellem ma' perit inkarigat mir-restawrar ta' postijiet storiċi, qabel iħejji r-rapport tiegħu.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hu tkellem mal-Perit Bezzina fejn infurmah li s-Segretarju Eżekuttiv tagħtu l-works order tax-xogħol għal-informazzjoni tiegħu u f'qasir żmien ser joħroġ rapport ta' evalwazzjoni tax-xogħol li sar.

17.1.3 Il-minuti tas-seduta numru 16 ġew approvati.

***17.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

17.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li tkellem mal-Perit Graziella Galea fejn infurmatu li s-sinjali u marki tat-traffiku ser isiru mit-TM. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet imħeġġa biex tagħmel pressjoni fuq it-TM sabiex isir ix-xogħol meħtieġ kemm jista jkun malajr.

Kien hemm qbil li s-sinjali jsiru tat-tip li jirriflettu.

Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jiġi kkuntatjat il-contract manager Carmel Azzopardi sabiex jagħti parir fuq siġar taż-żebbuġ li t-34U ser joffru lill-Kunsill sabiex parti minnhom jkunu jistgħu jitħawwlu f'Bubaqra.

17.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li ssir aktar insistenza mal-Koptasin għax ilhom sena biex jinstallaw bellisha lights fi Vjal l-Indipendenza.

Hu żied jgħid li l-bankina li kellha tinqala fi Vjal l-Indipendenza għadha ma nqalgħatx lanqas.

17.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġimgħa l-oħra kellha laqgħa fid-Dipartiment tal-Artijiet u sakemm kienet hemm fittxet fuq l-art ta' Triq il-Qiegħa, fejn ġiet infurmata li l-art għada tal-privat u li l-Kunsill ma jistax jagħmel żvilupp fiha.

17.2.4 Kien hemm qbil li ssir mera fi Triq l-Arċipriet E Mifsud k/m Triq l-Iskulturi Fabri minħabba li fil-viċinanzi hemm day centre tat-tfal u qed ikun hemm ħafna periklu.

17.2.5 Ġie nnutat li hemm bozoz maqtugħa fiż-żona ta' Bubaqra speċjalment viċin Triq San Martin, Triq Dun Nard Mallia u Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li l-membru Joe Caruana jmur l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u jindika fuq il-mappa liema huma l-lampi l-maqtugħa.

F'dan il-ħin il-Viċi Chairperson Marija Schembri daħlet għas-seduta (7.20pm)

***17.3 Tiżjien tal-Milied***

17.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppropona li jsir tiżjien tal-Milied fiż-żona tal-kappella ta' Bubaqra. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV u lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, fejn il-Kumitat juri l-ħsieb

tiegħu li jrid iżejjen l-akwata tal-kappella, għall-Milied li ġej u jitalbu juru jekk humiex interessati li jarmaw tali armar, sena kull wieħed. Kien hemm qbil li meta soċjeta tarma l-armar għall-Kunsill fi Triq P P Saydon, fl-istess sena tkun is-soċjeta' l-oħra li tarma l-għarmar f'Bubaqra.

Jekk ikun hemm qbil li s-soċjetajiet jieħdu dan ix-xogħol, issir applikazzjoni mmedjata għall-metre tal-Enemalta.

17.3.2 Iċ-Chairperson stieden lill-Viċi Chairperson Marija Schembri u lill-membru Annetto Bugeja sabiex għal seduta oħra jippreparaw programm ta' attivita' għall-Milied. Il-programm għandu jinkludi ukoll stimi ta' affarijiet li ser jintnefqu.

***17.4 Bring In Site ta' fejn iċ-ċimiterju***

17.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Carmelo Farrugia li qalla li għandu art faċċata tal-Bring in Site ta' fejn iċ-ċimieterju. Is-Sur Carmelo Farrgugia qed joġġezzjona li l-Bring in Site jibqgħu faċċata tal-propjeta tiegħu minħabba li l-art għandha l-permessi tal-bini u fi żmien qasir ser jibda jibni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nfurmat lis-Sur Farrugia sabiex iġib fl-uffiċċju l-permessi li għandu ħalli tkun tista' tagħddihom fis-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta'Bubaqra.

Hi żieded tgħid li wara li kellem lila, s-Sur Farrugia tkellem ukoll mas-Sindku u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Raymond Grixti, fejn il-Kunsillier Grixti offra li jiltaqa' mas-Sur Carmelo Farrugia u ċ-Chairperson fuq il-post. Għal-laqgħa marru l-Kunsillier Grixti u Carmelo Farrugia għax iċ-Chairperson kien xogħol, fejn il-Kunsillier informa lis-Sur Farrugia li minħabba li l-BIS jinsabu fiż-żona ta' Bubaqra – jkun hemm bżonn li l-każ jiddiskutih mal-KAB.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ma qabilx li l-Kunsillier iltaqa' fuq ilment li għandu x'jaqsam ma' Bubaqra.
Il-membru Joseph D'Amato qal li Kunsillier għandu dritt li jiltaqa' mar-residenti kollha taż-Żurrieq (inkluż Bubaqra). Hu żied jgħid li f'dan il-każ il-Kunsillier Grixti għamel sew li qal li d-deċiżjoni jrid joħodha l-KAB.

Iċ-Chairperson ikkonferma li Kunsillier jista jiltaqa' ma kulħadd imma affari li għandha x'taqsam ma' Bubaqra, għandu jkun il-KAB li jiddeċiedi.

17.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-filming li kien imwiegħed li ġġib il-Kumpanija Green MT (tal-BIS ta' Triq Kalang Bugeja) ma wasalx.

## *17.5 Ilmenti u Suġġerimenti*

17.5.1 Il-membru Joe Caruana qal li kull meta l-kuntrattur jaqta' l-ħaxix minn Triq Ħal Far qed iħallih għal ġurnata wara biex jinġabar, bil-konsegwenza li jilħaq jitferrex mar-riħ. Kien hemm qbil li l-Kumitat javża lill-kuntrattur biex jagħmel xogħol aħjar.

17.5.2 Il-membru Joe Caruana qal li hemm bżonn tintbagħat email lill-pulizija fejn jiġu avżati li għalkemm hemm it-tabelli biex ma jagħddux vetturi kbar minn Triq Sant Andrija għal-Triq Ħal Far, dawn xorta qed jagħddu u jagħmlu ħsara lill-ħitan tas-sejjieħ.

17.5.3 Il-membru Annetto Bugeja qal li Sqaq it-Torri jinsab maħmuġ u għalkemm intbagħtu l-ħaddiema tal-ETC biex inaddfuh, ma kienx biżżejjed għax it-tindif irid isir b'gaffa u trakk.
Kien hemm qbil li ssir works order sabiex ix-xogħol jagħmlu l-kuntrattur.

17.5.4 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri qalet li hemm bżonn ta' patching fi Triq San Iljun quddiem dar numru 12.

17.5.5 Il-membru Annetto Bugeja qal li hemm bżonn ta' patching fiż-żona kollha ta' Bubaqra HOS.

Kien hemm qbil li nhar is-Sibt il-membri Caruana u D'Amato jiltaqgħu u jaraw x'toroq hemm bżonn li jsirulhom il-manutenzjoni.

17.5.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li ġie mitlub li jiġu nstallati żewġ bankijiet fi Triq Nardu Sacco.

Kien hemm qbil li dawn il-bankijiet ma jsirux minħabba l-privatezza tar-residenti li hemm fit-triq.

17.5.7 Il-membru Joseph D'Amato qal li wara li fl-aħħar seduta tal-KAB ġie allegat li l-Kunsill m'għamel xejn fiż-żona ta' Bubaqra, ħejja rapport bħala apprezzament għax-xogħol li sar u għax iħoss li l-kummenti li saru kienu inġusti lejn il-Kunsill.

Dan hu r-rapport hekk kif għamlu l-membru Joseph D'Amato:

Ħdimna ma' diversi ministeri biex titwaqqa dwejra li kien hemm f'nofs Triq Santa Marija. Bis-saħħa t'hekk Triq Santa Marija hi kif inhi illum.

Tajna wiċċ ġdid bil-*cold asphalt* lil Triq Ġoswalda Calleja, parti minn Triq Ta' Ċiantar u Vja l-Indipendenza kollha (fejn ma kienx hemm tarmak).

Ftit taż-żmien ilu għamilna *major patching* bil-*hot asphalt* fi Vjal l-Indipendenza.

B'koperazzjoni mad-Dipartiment tat-Toroq ingħata wiċċ ġdid lill-parti ta' Triq it-Torri.

Sar proġett ta' tisbiħ fi Pjazza Santa Marija. Dan kien jinkludi bankini ġodda, qsari u pjanti, fanal dekorattivi u sistema tat-traffiku aħjar.

Għamilna x-xogħol kollu neċessarju biex isir immaniġġjar tat-traffiku fejn il-Knisja ta' Santa Marija.

L-uċuħ tal-isqaqin kollha ta' Bubaqra ġew mibdula u għamilnihom bil-*paving blocks.*

Għamilna qsari u fanali dekorattivi f'ċertu postijiet ġo Bubaqra.

Ħawwilna s-siġar biex Triq l-Arċipriet E. Mifsud ikollha dehra aħjar.

Uħud mill-kumitat ta' dak iż-żmien flimkien ma'nies oħra bdew inaddfu x-xelter li hemm fil-pjazza ta' Bubaqra. Dawn kellhom jieqfu għax sabu l-katusi tad-drenaġġ għaddejin minn nofs.

Għal dawn l-aħħar snin, kull Milied, armajna l-presepju fi pjazza Santa Marija biex jagħti aktar spirtu ta' festa lil din iż-żona.

L-ewwel irnexxielna nestendu l-ħin tal-karozzi tal-linja li jgħaddu minn Vjal l-Indipendenza wara t-8:30pm u mbagħad konna strumentali biex illum il-karozzi tal-linja qed jitilgħu kważi sal-pjazza.

Saru numru ta' attivitajiet soċjali, kultruali u sportivi fiż-żona ta' Bubaqra. Dawn ġew organiżżati mill-membri tal-kumitat, bl-għajnuna ta' nies volontarji u ċerti għaqdiet tal-lokal, mingħajr qatt ma ħriġna flus.

Saru l-pjanti u l-permessi neċessarji għal żewġ ġonna

f'Bubaqra. L-ispejjeż ta' dan ix-xogħol u biex isir wieħed mill-ġonna (dak ta' Triq Isourd Xuereb) se jitħallsu mill-kunsill.

Sar tindif fi Triq Fra Gammari Żammit.

Taħt l-iskema tal-PPP il-kunsill iddeċieda li jonfoq parti sostanzjali mis-somma miftehma f'toroq fiż-żona ta'Bubaqra.

Ma rridtx insemmi t-toroq li għamel il-gvern, propju għax għamilhom il-gvern, pero' irrid insemmi n-numru ta' laqgħat u l-korrispondenza li kellna mad-dipartiment konċernat fil-ħidma tagħna biex dawn jitlestew kemm jista' jkun malajr. Ta min jgħid, li dan li għadni kemm semmejt, sar kollu meta l-kumitat ma kellux l-għajnuna finanzjarja li qed jagħti l-gvern illum lill-Kumitat Amministrattiv u għalehekk il-kunsill kellu jiffinanzja dan ix-xogħol kollu li għadni kemm semmejt. Xogħol, li kieku kellek tikkwantifikah, żgur li jkun ta' mijiet ta'elfu ta' eruos investit fiż-żona ta' Bubaqra.

17.5.8 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal lill-Membru D'Amato biex jispeċifika f'kemm snin sar tali xogħol.

Il-membru D'Amato qal li tali xogħol sar tul is-snin li ma kienx hemm dan il-KAB. Hu żied jgħid li j'Alla l-KAB jaħdem aktar ħalli jkompli jaqdi lir-residenti ta' Bubaqra kollha.

### *17.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

17.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 17ta' Settembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

17.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2011.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |